



Ġabra tal-ġurisprudenza

Kawża T-830/16

Monolith Frost GmbH

vs

L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellwettwali tal-Unjoni Ewropea

“Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità – Trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea PLOMBIR – Raġuni assoluta għal rifjut – Karattru deskrittiv – Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001) – Eżami tal-fatti – Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 95(1) tar-Regolament 2017/1001) – Provi prodotti għall-ewwel darba quddiem il-Qorti Ġenerali”

Sommarju – Sentenza tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tat-13 ta’ Diċembru 2018

1. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedura għat-tressiq ta’ kawża – Kawża mressqa quddiem il-qorti tal-Unjoni – Ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali – Eżami mill-ġdid tal-fatti fid-dawl tal-provi prodotti għall-ewwel darba quddiemha – Esklużjoni*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 65)

2. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Proċedura għat-tressiq ta’ kawża – Kawża mressqa quddiem il-qorti tal-Unjoni – Legalità tad-deċiżjoni ta’ Bord tal-appell – Teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, tal-leġiżlazzjoni, tal-ġurisprudenza jew tal-kummentarji nazzjonali – Ammissibbiltà*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 65)

3. *Proċedura ġudizzjarja – Terminu għall-produzzjoni tal-provi – Artikolu 85(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali – Kamp ta’ applikazzjoni – Provi kuntrarji u amplifikazzjoni tal-provi proposti*

(Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikoli 85(1) u 92(7))

4. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Dispożizzjonijiet proċedurali – Eżami ex officio tal-fatti – Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità fir-rigward tal-motivi assoluti ta’ rifjut – Eżami limitat għall-motivi invokati – Teħid inkunsiderazzjoni tal-fatti magħrufa*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikoli 7(1), 52(1)(a) u 76(1))

5. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Ċessjoni, revoka u invalidità – Raġunijiet assoluti ta’ invalidità – Reġistrazzjoni kuntrarjament għall-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009 – Trade mark verbali PLOMBIR*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikoli 7(1)(c) u 52(1)(a))

6. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew f'indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott jew ta' servizz – Għan – Obbligu ta' disponibbiltà*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c))

7. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Definizzjoni u kisba tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea – Raġunijiet assoluti għal rifjut – Trade marks li jikkonsistu esklużivament f'sinjali jew f'indikazzjonijiet li jistgħu jintużaw sabiex jindikaw il-karatteristiċi ta' prodott jew ta' servizz – Evalwazzjoni tal-karattru deskrittiv ta' sinjal – Kriterji*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, Artikolu 7(1)(c))

8. *Trade mark tal-Unjoni Ewropea – Deċiżjonijiet tal-Uffiċċju – Prinċipju ta' ugwajlanza fit-trattament – Prinċipju ta' amministrazzjoni tajba – Prassi deċiżjonali preċedenti tal-Uffiċċju – Prinċipju ta' legalità*

(Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009)

1. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 15)

2. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 16)

3. Il-prova kuntrarja u l-amplifikazzjoni tal-provi prodotti wara li titressaq prova kuntrarja mill-kontroparti fir-risposta tagħha ma jaqgħux taħt ir-regola ta' dekadenza prevista mill-Artikolu 85(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li ttipprovdi li l-provi u l-provi proposti għandhom jiġu ppreżentati fil-kuntest tal-ewwel skambju ta' noti. Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tikkonċerna l-provi l-ġodda u għandha tinqara fid-dawl tal-Artikolu 92(7) tar-Regoli tal-Proċedura, li jipprevedi espressament li l-prova kuntrarja u l-amplifikazzjoni tal-provi proposti għandhom jibqgħu rriżervati.

(ara l-punt 21)

4. Il-preżunzjoni ta' validità tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea li tikkaratterizza l-proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità tillimita l-obbligu tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), li jinsab fl-Artikolu 76(1) tar-Regolament Nru 207/2009 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea, li jeżamina *ex officio* l-fatti rilevanti li jistgħu jwassluh li japplika r-raġunijiet assoluti għal rifjut. Peress li huwa preżunt li t-trade mark tal-Unjoni Ewropea rreġistrata hija valida, hija l-persuna li tippreżenta t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' din it-trade mark li għandha tinwoka quddiem l-Uffiċċju l-elementi konkreti li jikkontestaw il-validità tagħha.

Għall-finijiet li jikkontesta l-validità ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea rreġistrata, l-applikant għal dikjarazzjoni ta' invalidità jista' madankollu jinvoka fatti magħrufa. Il-fatti magħrufa huma ddefiniti bħala fatti li jistgħu jkunu magħrufa minn kulħadd jew li jistgħu jkunu magħrufa permezz ta' sorsi li huma ġeneralment aċċessibbli.

Barra minn hekk, meta l-korpi tal-Uffiċċju jiddeċiedu li jieħdu inkunsiderazzjoni fatti magħrufa, fid-deċiżjonijiet tagħhom huma ma humiex marbuta li jistabbilixxu l-eżattezza ta' dawn il-fatti.

Bl-istess mod, ma jistax jiġi allegat fil-konfront tal-partijiet fi proċediment quddiem l-istanzi tal-Uffiċċju li dawn ma pproduċewx il-provi intiżi li jikkonfermaw l-eżattezza ta' fatti magħrufa. Huwa biss wara li jkun indika li l-fatti magħrufa allegati mill-partijiet fi proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala tali li l-Bord tal-Appell jista', jekk ikun il-każ, jiċħadhom għar-raġuni li l-partijiet ma pproduċewx provi suffiċjenti sabiex tiġi stabbilita l-eżattezza tagħhom.

(ara l-punti 31 sa 34)

5. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 35 sa 38, 52 sa 54, 60, u 72 sa 75)

6. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 44)

7. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punti 46 u 71)

8. Ara t-test tad-deċiżjoni.

(ara l-punt 58)